ISSN 1725-5104

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 68

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

18 ta' Marzu 2010

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 222/2010 tas-17 ta' Marzu 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Sedano Bianco di Sperlonga (IĠP)]** 1

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 223/2010 tas-17 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 3

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 224/2010 tas-17 ta' Marzu 2010 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10 5

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 225/2010 tas-17 ta' Marzu 2010 dwar il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu 2010 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 533/2007 għal-laħam tat-tjur 7

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 226/2010 tas-17 ta' Marzu 2010 dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu 2010 fil-kuntest tal-kwota tariffarja miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 539/2007 għal ċerti prodotti fis-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd 9

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

Prezz: 3 EUR

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 227/2010 tas-17 ta’ Marzu 2010 dwar il-ħruġ ta’ liċenzji tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta’ Marzu 2010 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 1385/2007 għal-laħam tat-tjur 11

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal- Kunsill 2010/18/UE tat-8 ta’ Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jħassar id-Direttiva 96/34/KE (test b’rilevanza għaż-ŻEE)** ([1]) 13

DEĊIŻJONIJIET

2010/160/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta’ Marzu 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2005/176/KE li twaqqaf l-għamla kkodifikata u l-kodiċi għan-notifika ta’ mard tal-annimali skont id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 1585)* ([1]) 21

RAKKOMANDAZZJONIJIET

2010/161/UE:

★ **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta’ Marzu 2010 dwar is-sorveljanza ta’ sustanzi perfluworalkilati fl-ikel** ([1]) 22

MT

([1]) Test b’relevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 222/2010

tas-17 ta' Marzu 2010

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Sedano Bianco di Sperlonga (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 7(4)(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(2)(1) u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006, it-talba tal-Italja biex id-denominazzjoni "Sedano Bianco di Sperlonga" tkun irreġistrata, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija rreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

([2]) ĠU C 185, 7.8.2009, p. 13.

ANNESS

Prodotti agrikoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem imniżżlin fl-Anness I għat-Trattat:

Il-kategorija 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

L-ITALJA

Sedano Bianco di Sperlonga (IĠP)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 223/2010

tas-17 ta' Marzu 2010

li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNESS

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ([1])	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	IL	106,9
	JO	58,4
	MA	73,2
	TN	135,7
	TR	114,2
	ZZ	97,7
0707 00 05	EG	219,6
	JO	135,1
	MK	134,1
	TR	132,8
	ZZ	155,4
0709 90 70	MA	192,3
	TR	136,3
	ZZ	164,3
0709 90 80	EG	32,4
	ZZ	32,4
0805 10 20	EG	44,2
	IL	54,0
	MA	51,1
	TN	55,1
	TR	61,3
	ZZ	53,1
0805 50 10	EG	76,3
	IL	89,3
	MA	42,8
	TR	57,8
	ZZ	66,6
0808 10 80	AR	93,3
	BR	89,3
	CA	73,7
	CN	76,3
	MK	24,7
	US	110,2
	UY	70,1
	ZZ	76,8
0808 20 50	AR	84,8
	CL	75,7
	CN	81,6
	ZA	86,9
	ZZ	82,3

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 224/2010

tas-17 ta' Marzu 2010

li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2009/10 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 877/2009 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 214/2010 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 877/2009 għas-sena tas-suq 2009/10, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 253, 25.9.2009, p. 3.
([4]) ĠU L 65, 13.3.2010, p. 25.

ANNESS

L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mit-18 ta' Marzu 2010

(EUR)

Kodiċi NM	Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat	Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat
1701 11 10 (1)	34,24	1,01
1701 11 90 (1)	34,24	4,63
1701 12 10 (1)	34,24	0,88
1701 12 90 (1)	34,24	4,34
1701 91 00 (2)	37,99	6,24
1701 99 10 (2)	37,99	2,94
1701 99 90 (2)	37,99	2,94
1702 90 95 (3)	0,38	0,29

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 225/2010

tas-17 ta’ Marzu 2010

dwar il-ħruġ ta’ liċenzji tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta’ Marzu 2010 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 533/2007 għal-laħam tat-tjur

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS (dwar l-OKS Unika)) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta’ Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta’ liċenzji ta’ l-importazzjoni ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 533/2007 tal-14 ta’ Mejju 2007 li jiftaħ u jamministra kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tat-tjur ([3]), u b’mod partikolari l-Artikolu 5(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 533/2007 fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur.

(2) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta’ Marzu 2010 għas-subperjodu mill-1 ta’ April sat-30 ta’ Ġunju 2010 għal ċerti kwoti jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta’ allokazzjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti skont ir-Regolament (KE) Nru 533/2007 għas-subperjodu mill-1 ta’ April sat-30 ta’ Ġunju 2010 għandhom ikunu assenjati skont il-koeffiċjenti ta’ allokazzjoni stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-18 ta’ Marzu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta’ Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni,
f’isem il-President,
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([3]) ĠU L 125, 15.5.2007, p. 9.

ANNESS

Nru tal-grupp	Numru tas-serje	Koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għas-subperjodu 1.4.2010-30.6.2010 (%)
P1	09.4067	1,737395
P3	09.4069	0,586978

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 226/2010

tas-17 ta' Marzu 2010

dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu 2010 fil-kuntest tal-kwota tariffarja miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 539/2007 għal ċerti prodotti fis-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 539/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fis-settur tal-bajd u talalbumina tal-bajd ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 539/2007 fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-bajd u talalbumina tal-bajd.

(2) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu 2010 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 Ġunju 2010 għal ċerti kwoti jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokazzjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti skont ir-Regolament (KE) Nru 539/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 Ġunju 2010 għandhom ikunu assenjati skont il-koeffiċjenti ta' allokazzjoni stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([3]) ĠU L 128, 16.5.2007, p. 19.

ANNESS

Nru tal-grupp	Numru tas-serje	Koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għas-subperjodu mill-1.4.2010-30.6.2010 (%)
E2	09.4401	25,129987

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 227/2010

tas-17 ta’ Marzu 2010

dwar il-ħruġ ta’ liċenzji tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta’ Marzu 2010 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 1385/2007 għal-laħam tat-tjur

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS [dwar l-OKS Unika]) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta’ Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta’ liċenzji tal-importazzjoni ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 tas-26 ta’ Novembru 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 f’dak li jirrigwarda l-ftuħ u l-ġestjoni ta’ ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur ([3]), u b’mod partikolari l-Artikolu 5(6) tiegħu,

Billi:

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta’ Marzu 2010 għas-subperjodu mill-1 ta’ April sat-30 Ġunju 2010 jaqbżu, għal ċerti kwoti, il-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta’ allokazzjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa għas-subperjodu mill-1 ta’ April sat-30 Ġunju 2010 skont ir-Regolament (KE) Nru 1385/2007 għandhom ikunu assenjati skont il-koeffiċjenti ta’ allokazzjoni stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-18 ta’ Marzu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta’ Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni,
f’isem il-President,
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([3]) ĠU L 309, 27.11.2007, p. 47.

ANNESS

Nru tal-grupp	Numru tas-serje	Koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni għas-subperjodu mill-1.4.2010-30.6.2010 (%)
1	09.4410	0,450752
3	09.4412	0,502897
4	09.4420	0,654346
5	09.4421	6,711447
6	09.4422	0,729936

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL- KUNSILL 2010/18/UE

tat-8 ta' Marzu 2010

li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jħassar id-Direttiva 96/34/KE (test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 155(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 153 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-"TFUE") jippermetti lill-Unjoni li tappoġġja u tikkumplimenta l-attivitajiet tal-Istati Membri, fost l-oħrajn fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward tal-oppportunitajiet fis-suq tax-xogħol u t-trattament fuq ix-xogħol.

(2) Id-djalogu soċjali fuq il-livell tal-Unjoni jista', skont l-Artikolu 155(1) tat-TFUE, iwassal għal relazzjonijiet kuntrattwali, inkluż ftehim, jekk l-amministrazzjoni u l-ħaddiema (l-"imsieħba soċjali") jixtiequ hekk. L-imsieħba soċjali jistgħu, skont l-Artikolu 155(2) tat-TFUE, jitolbu b'mod konġunt li strumenti ta' ftehim konklużi minnhom fuq livell tal-Unjoni dwar kwistjonijiet koperti mill-Artikolu 153 tat-TFUE jiġu implimentati b'deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni.

(3) Ftehim Qafas dwar il-leave tal-ġenituri kien konkluż mill-orgaizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali trans-industrijali Ewropej (l-ETUC, l-UNICE u s-CEEP) fl-14 ta' Diċembru 1995 u ngħata effett legali bid-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE tat-3 ta' Ġunju 1996 dwar il-ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri konkluż mill-UNICE, s-CEEP u l-ETUC ([1]). Dik id-Direttiva ġiet emendata u estiża għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq bid-Direttiva tal-Kunsill 97/75/KE ([2]). Id-Direttiva 96/34/KE kkontribwixxiet ħafna għat-titjib tal-opportunitajiet disponibbli għall-ġenituri li jaħdmu fl-Istati Membri biex dawn jirrikonċiljaw b'mod aħjar ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-familja permezz ta' arranġamenti ta' leave.

(4) Skont l-Artikoli 138(2) u (3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (it-"Trattat KE") (*), il-Kummissjoni kkonsultat lill-imsieħba soċjali Ewropej fl-2006 u fl-2007 dwar modi għal aktar titjib fir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol, dik privata u dik tal-familja u, b'mod partikolari, għal titjib tal-leġislazzjoni Komunitarja eżistenti dwar il-protezzjoni tal-maternità u l-leave tal-ġenituri, u dwar il-possibbiltà li jkunu mdaħħla tipi ġodda ta' leave relatat mal-familja, bħal-leave għall-missirijiet, il-leave għall-adozzjoni u leave għall-ħarsien ta' membri tal-familja.

(5) It-tliet organizzazzjonijet tal-imsieħba soċjali ġenerali trans-industrijali Ewropej (l-ETUC, is-CEEP u BUSINESSEUROPE, qabel imsejħa UNICE) u l-organizzazzjoni tal-imsieħeb soċjali trans-industrijali Ewropew li jirrappreżenta ċerta kategorija ta' impriżi (l-UEAPME) infurmaw lill-Kummissjoni fil-11 ta' Settembru 2008 bix-xewqa tagħhom li jidħlu f'negozjati, skont l-Artikolu 138(4) u l-Artikolu 139 tat-Trattat KE (**), bil-għan li jiġi rivedut il-Ftehim Qafas dwar il-leave tal-ġenituri konkluż fl-1995.

(6) Fit-18 ta' Ġunju 2009, dawn l-organizzazzjonijiet iffirmaw il-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri (il-"Ftehim Qafas rivedut") u bagħtu talba konġunta lill-Kummissjoni biex din tissottometti proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li timplimenta dak il-Ftehim Qafas rivedut.

(7) Matul in-negozjati tagħhom, l-imsieħba soċjali Ewropej irrevedew kompletament il-Ftehim Qafas tal-1995 dwar il-leave tal-ġenituri. Għaldaqstant id-Direttiva 96/34/KE għandha titħassar u tiġi sostitwita b'direttiva ġdida minflok ma tiġi sempliċement emendata.

([1]) ĠU L 145, 19.6.1996, p. 4.
([2]) ĠU L 10, 16.1.1998, p. 24.

(*) Numerat mill-ġdid: Artikolu 154(2) u (3) tat-TFUE.
(**) Numerat mill-ġdid: Artikolu 154(4) u 155 tat-TFUE.

(8) Billi l-għanijiet tad-Direttiva, jiġifieri t-titjib tar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol, dik privata u dik tal-familja għall-ġenituri li jaħdmu u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward tal-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol u t-trattament fuq ix-xogħol madwar l-Unjoni, ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk jinkisbu aħjar fuq livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(9) Matul l-abbozzar tal-proposta għal Direttiva, il-Kummissjoni kkunsidrat l-istat rappreżentattiv tal-partijiet firmatarji għall-Ftehim Qafas rivedut, tal-mandat tagħhom u tal-legalità tal-klawsoli f'dak il-Ftehim Qafas rivedut u tal-konformità tiegħu mad-dispożizzjonijiet rilevanti li jikkonċernaw l-impriżi żgħar u ta' daqs medju.

(10) Il-Kummissjoni infurmat lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bil-proposta tagħha.

(11) Il-klawsola 1(1) tal-Ftehim Qafas rivedut, skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-politika soċjali, tistipula li l-Ftehim jistabbilixxi rekwiżiti minimi.

(12) Il-klawsola 8(1) tal-Ftehim Qafas rivedut tistipula li l-Istati Membri jistgħu japplikaw jew jdaħħlu dispożizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk stabbiliti fil-Ftehim.

(13) Il-klawsola 8(2) tal-Ftehim Qafas rivedut tistipula li l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim m'għandhiex tikkonstitwixxi raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' ħarsien mogħtija lill-ħaddiema fil-qasam kopert mill-Ftehim.

(14) L-Istati Membri għandhom jipprovdu pieni effettivi, proporzjonali u dissważivi f'każ ta' kwalunkwe ksur tal-obbligi taħt din id-Direttiva.

(15) L-Istati Membri jistgħu jafdaw lill-imsieħba soċjali, fuq talba konġunta tagħhom, bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, bil-kondizzjoni li dawn l-Istati Membri jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li huma jkunu jistgħu jiggarantixxu f'kull ħin ir-riżultati imposti b'din id-Direttiva.

(16) F'konformità mal-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet ([1]), l-Istati Membri huma mħeġġa li jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Unjoni, it-tabelli tagħhom li, sa fejn hu possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva tagħti effett lill-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż fit-18 ta' Ġunju 2009 mill-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali trans-industrijali Ewoprej (BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC), kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw liema pieni huma applikabbli meta d-dispożizzjonijiet nazzjonali ppromulgati f'konformità ma' din id-Direttiva jiġu miksura. Il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva jew għandhom jiżguraw li l-imsieħba soċjali jkunu introduċew il-miżuri meħtieġa permezz ta' ftehim sa mhux aktar tard mit-8 ta' Marzu 2012. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Meta dawk id-dispożizzjonijiet jiġu adottati mill-Istati Membri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddisponu minn żmien addizzjonali ta' massimu ta' sena biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, jekk dan ikun meħtieġ biex jittieħed kont ta' diffikultajiet partikolari jew implimentazzjoni bi ftehim kollettiv. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan sa mhux aktar tard mit-8 ta' Marzu 2012, u jagħtu r-raġunijiet li għalihom huwa meħtieġ perijodu addizzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b' din id-Direttiva.

([1]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

Artikolu 4

Id-Direttiva 96/34/KE għandha titħassar b'effett mit-8 ta' Marzu 2012. Referenzi għad-Direttiva 96/34/KE għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Direttiva.

Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

C. CORBACHO

ANNESS

FTEHIM QAFAS DWAR IL-LEAVE TAL-ĠENITURI (RIVEDUT)

18 ta' Ġunju 2009

Preambolu

Dan il-Ftehim Qafas bejn l-imsieħba soċjali Ewropej, BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC (u l-kumitat ta' kollegament Eurocadres/CEC) jirrevedi l-Ftehim Qafas dwar il-leave tal-ġenituri, konkluż fl-14 ta' Diċembru 1995, li jistipula r-rekwiżiti minimi dwar il-leave tal-ġenituri, bħala mezz importanti ta' rikonċiljazzjoni tar-responsabbiltajiet professjonali u dawk tal-familja u li jippromwovi opportunitajiet indaqs u trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa.

L-imsieħba soċjali Ewropej jitolbu lill-Kummissoni tippreżenta dan il-Ftehim Qafas lill-Kunsill għal deċiżjoni tal-Kunsill li tagħmel dawn ir-rekwiżiti vinkolanti fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

I. *Konsiderazzjonijiet ġenerali*

1. Wara li kkunsidraw it-Trattat KE u b'mod partikulari l-Artikoli 138 u 139 tiegħu (*);

2. Wara li kkunsidraw l-Artikoli 137(1)(c) u 141 tat-Trattat KE (**) u l-prinċipju ta' trattament ugwali (l-Artikoli 2, 3 u 13 tat-Trattat KE (***) u l-leġislazzjoni sekondarja bbażata fuq dan, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa ([1]); id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu ([2]); id-Direttiva tal-Kunsill 96/97/KE li temenda d-Direttiva 86/378/KEE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa fi skemi tax-xogħol tas-sigurtà soċjali ([3]); u d-Direttiva 2006/54/KE TAL-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) ([4]);

3. Wara li kkunsidraw il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2000 u l-Artikoli 23 u 33 tagħha dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, privata u tal-familja;

4. Wara li kkunsidraw ir-Rapport tal-2003 mill-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE tat-3 ta' Ġunju 1996 dwar il-Ftehim Qafas fuq il-leave tal-ġenituri konkluż mill-UNICE, is-CEEP u l-ETUC;

5. Wara li kkunsidraw l-għan tal-Istrateġija ta' Lisbona dwar it-tkabbir u l-impjiegi li tkabbar ir-rati tal-impjiegi ġenerali għal 70 %; ir-rati tal-impjiegi tan-nisa għal 60 % u r-rati tal-impjiegi ta' ħaddiema ta' età akbar għal 50 %; il-miri ta' Barċellona dwar il-provvista ta' faċilitajiet għall-ħarsien tat-tfal; u l-kontribuzzjoni tal-politika għat-titjib tar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, privata u dik tal-familja fil-kisba ta' dawn il-miri;

6. Wara li kkunsidraw il-Qafas ta' Azzjonijiet dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-imsieħba soċjali Ewropej tat-22 ta' Marzu 2005 li fiha l-appoġġ għall-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u tal-familja huwa kkunsidrat qasam ta' prijorità għal azzjoni, filwaqt li huwa rikonoxxut li, biex ikompli jsir progress fil-qasam tar-rikonċiljazzjoni, hemm bżonn ta' firxa ta' politika koerenti, bbilanċjata u integrata li tinkludi arranġamenti ta' leave, arranġamenti dwar ix-xogħol u infrastrutturi ta' ħarsien;

7. Billi l-miżuri biex titjieb ir-rikonċiljazzjoni huma parti minn aġenda politika usa' li tittratta l-bżonnijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema u li ttejjeb l-adattabbiltà u l-impjegabbiltà, bħala parti minn approċċ ta' flessigurtà;

8. Billi l-politika favur il-familja għandha tikkontribwixxi għall-kisba ta' ugwaljanza bejn is-sessi u tkun ikkunsidrata fid-dawl tat-tibdil demografiku, l-effetti ta' popolazzjoni b'età medja li qed tikber, filwaqt li titnaqqas id-differenza bejn is-sessi, ikun hemm promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fix-xogħol u l-qsim tar-responsabbiltajiet tal-ħarsien bejn l-irġiel u n-nisa;

(*) Numerat mill-ġdid: Artikoli 154 u 155 tat-TFUE.
(**) Numerat mill-ġdid: Artikoli 153(1)c u 157 tat-TFUE.
(***) L-Artikolu 2 tat-Trattat KE tħassar u ġie ssostitwit, fis-sustanza, mill-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 3(1) tat-Trattat KE tħassar u ġie ssostitwit, fis-sustanża, mill-Artikoli 3 sa 6 tat-TFUE. L-Artikolu 3(2) tat-Trattat KE ġie numerat mill-ġdid bħala l-Artikolu 8 tat-TFUE. L-Artikolu 13 tat-Trattat KE ġie numerat mill-ġdid bħala l-Artikolu 19 tat-TFUE.
([1]) ĠU L 45, 19.2.1975, p. 19.
([2]) ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1.
([3]) ĠU L 46, 17.2.1997, p. 20.
([4]) ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.

9. Billi l-Kummissjoni kkonsultat lill-imsieħba soċjali Ewropej fl-2006 u fl-2007 f'konsultazzjoni tal-ewwel u tat-tieni stadju dwar ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, privata u dik tal-familja u, fost affarijiet oħrajn, ittrattat din il-kwistjoni tal-aġġornament tal-qafas regolatorju fuq livell Komunitarju, u inkoraġġixxiet lill-imsieħba soċjali Ewropej biex jivvalutaw id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas tagħhom dwar il-leave tal-ġenituri bil-għan tar-reviżjoni tiegħu;

10. Billi l-Ftehim Qafas tal-imsieħba soċjali Ewropej tal-1995 dwar il-leave tal-ġenituri kien katalista għal bidla pożittiva, żgura bażi komuni dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja fl-Istati Membri u kellu rwol sinifikanti fl-għajnuna biex il-ġenituri li jaħdmu fl-Ewropa jsibu rikonċiljazzjoni aħjar; madankollu, abbażi ta' valutazzjoni konġunta, l-imsieħba soċjali Ewropej jikkunsidraw li ċerti elementi tal-ftehim hemm bżonn li jiġu adattati jew riveduti sabiex jinkisbu aħjar l-għanijiet tiegħu;

11. Billi ċerti aspetti hemm bżonn li jkunu adattati, b'konsiderazzjoni għaż-żieda fid-diversità tal-ħaddiema u l-iżviluppi soċjali inkluż iż-żieda fid-diversità tal-istrutturi familjari, waqt li jiġu rrispettati l-liġi, l-ftehim kollettiv u/jew il-prattika nazzjonali;

12. Billi f'ħafna Stati Membri l-inkoraġġiment lill-irġiel biex jassumu responsabbiltà familjari ugwali ma wassalx għal riżultati suffiċjenti; għaldaqstant, hemm bżonn ta' miżuri aktar effettivi biex ikun inkoraġġit sehem aktar ugwali tar-responsabbiltajiet bejn l-irġiel u n-nisa;

13. Billi ħafna Stati Membri diġà għandhom firxa wiesgħa ta' miżuri u prattiki tal-politika dwar faċilitajiet ta' leave, ħarsien tat-tfal u arranġamenti ta' xogħol flessibbli, imfassla għall-bżonnijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem u li jimmiraw li jappoġġjaw lill-ġenituri fir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali tagħhom, dik privata u dik tal-familja; dawn għandhom ikun ikkunsidrati meta jiġi implimentat dan il-ftehim;

14. Billi dan il-ftehim qafas jipprovdi element wieħed tal-azzjonijiet tal-imsieħba soċjali Ewropej fil-qasam tar-rikonċiljazzjoni;

15. Billi dan il-ftehim huwa ftehim qafas li jistabbilixxi rekwiżiti minimi u dispożizzjonijiet għal-leave tal-ġenituri, kif distint mil-leave tal-maternità, u minn ħin frank mix-xogħol abbażi ta' forża maġġuri, u jirreferi lura għall-Istati Membri u l-imsieħba soċjali għat-twaqqif ta' kondizzjonijiet għall-aċċess u modalitajiet ta' applikazzjoni biex tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni f'kull Stat Membru;

16. Billi d-dritt tal-leave tal-ġenituri f'dan il-ftehim huwa dritt individwali u fil-prinċipju mhux trasferibbli, u l-Istati Membri għandhom id-dritt jagħmluh trasferibbli. L-esperjenza turi li l-leave mhux trasferibbli jista' jkun ta' inċentiva pożittiva għat-teħid mill-missirijiet, l-imsieħba soċjali Ewropej għalhekk jaqblu li parti mil-leave isir mhux trasferibbli;

17. Billi huwa importanti li jkunu kkunsidrati l-bżonnijiet speċjali tal-ġenituri bi tfal b'diżabbiltajiet jew mard fit-tul;

18. Billi l-Istati Membri għandhom jipprovdu għaż-żamma ta' intitolamenti għall-benefiċċji in natura taħt assigurazzjoni tal-mard tul il-perijodu minimu ta' leave tal-ġenituri;

19. Billi l-Istati Membri għandhom ukoll, meta xieraq skont il-kondizzjonijiet nazzjonali u b'konsiderazzjoni għas-sitwazzjoni baġitarja, jikkunsidraw iż-żamma ta' intitolamenti għall-benefiċċji rilevanti tas-sigurtà soċjali kif inhuma matul il-perijodu minimu tal-leave tal-ġenituri kif ukoll ir-rwol tad-dħul fost fatturi oħrajn fit-teħid tal-leave tal-ġenituri fl-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim;

20. Billi l-esperjenza fl-Istati Membri wriet li l-livell ta' dħul matul il-leave għall-missirijiet huwa fattur li jinfluwenza t-teħid mill-ġenituri, speċjalment mill-missirijiet;

21. Bili l-aċċess għal arranġamenti flessibbli tax-xogħol jagħmilha aktar faċli għall-ġenituri li jikkumbinaw ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-ġenituri u jiffaċilita r-reintegrazzjoni fix-xogħol, speċjalment wara r-ritorn mil-leave tal-ġenituri;

22. Billi l-arranġamenti tal-leave tal-ġenituri huma maħsuba biex jappoġġjaw ġenituri li jaħdmu matul perijodu speċifiku ta' żmien, bil-għan li jżommu u jippromwovu l-parteċipazzjoni kontinwa tagħhom fis-suq tax-xogħol; għalhekk, għandha tingħata aktar attenzjoni li jinżamm kuntatt ma' min iħaddem matul il-leave jew permezz ta' arranġamenti għar-ritorn lura lejn ix-xogħol;

23. Billi dan il-ftehim jikkunsidra l-bżonn li jitjiebu r-rekwiżiti tal-politika soċjali, biex titjieb il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea u biex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' rbit amministrattiv, finanzjarju u legali b'tali mod li jinżamm lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju;

24. Billi l-imsieħba soċjali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex isibu soluzzjonijiet li jaqblu mal-bżonnijiet kemm ta' min iħaddem kif ukoll tal-ħaddiema u għalhekk għandu jkollhom rwol speċjali fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fil-valutazzjoni ta' dan il-ftehim, fil-kuntest usa' ta' miżuri oħrajn biex titjieb ir-rikonċiljazzjoni tar-responsabbiltajiet professjonali u familjari u biex ikun hemm promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa.

IL-PARTIJIET FIRMATARJI FTIEHMU DAN LI ĠEJ:

II. *Kontenut*

Klawsola 1: Għan u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-ftehim jistabbilixxi rekwiżiti minimi mfassla biex jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri u dawk professjonali għall-ġenituri li jaħdmu, b'konsiderazzjoni għaż-żieda fid-diversità ta' strutturi familjari filwaqt li jiġu rrispettati l-liġi, il-ftehim kollettiv u/jew il-prattika nazzjonali.

2. Dan il-ftehim japplika għall-ħaddiema kollha, irġiel u nisa, li għandhom kuntratt ta' mpjieg jew relazzjoni ta' xogħol kif definit mil-liġi, ftehim kollettiv u/jew prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru.

3. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali m'għandhomx jeskludu mill-ambitu u l-applikazzjoni ta' dan il-ftehim ħaddiema, kuntratti ta' mpjieg jew relazzjonijiet ta' mpjieg sempliċiment minħabba li dawn għandhom x'jaqsmu ma' ħaddiema part-time, ħaddiema b'kuntratt għal żmien fiss jew persuni b'kuntratt ta' mpjieg jew relazzjoni ta' mpjieg ma' aġenzija ta' xogħol temporanju.

Klawsola 2: Leave tal-ġenituri

1. Dan il-ftehim jagħti lill-ħaddiema rġiel u dawk nisa d-dritt individwali għal leave tal-ġenituri għar-raġuni ta' twelid jew adozzjoni ta' wild biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb il-wild sal-età li tista' tkun ta' tmien snin li għandha tiġi definita mill-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali.

2. Il-leave għandu jingħata għal perijodu ta' mill-anqas erba' xhur u, għall-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali bejn irġiel u nisa, għandu, fil-prinċipju, jingħata fuq bażi mhux trasferibbli. Biex ikun inkoraġġut teħid aktar ugwali bejn iż-żewġ ġenituri, tal-anqas wieħed mill-erba' xhur għandu jkun provdut fuq bażi mhux trasferibbli. Il-modalitajiet tal-applikazzjoni tal-perijodu mhux trasferibbli għandhom ikunu stipulati fuq livell nazzjonali permezz ta' leġislazzjoni u/jew ftehim kollettiv li jikkunsidra l-arranġamenti tal-leave fl-Istati Membri.

Klawsola 3: Modalitajiet tal-applikazzjoni

1. Il-kondizzjonijiet tal-aċċess u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-leave tal-ġenituri għandhom ikunu definiti mil-liġi u/jew bi ftehim kollettiv fl-Istati Membri, sakemm ir-rekwiżiti minimi ta' dan il-ftehim ikunu mħarsa. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali jistgħu, b'mod partikolari:

   (a) jiddeċiedu jekk il-leave tal-ġenituri jingħatax fuq bażi full-time jew part-time, b'mod frammentat jew b'sistema ta' kreditu ta' ħin, b'konsiderazzjoni għall-bżonn kemm ta' min iħaddem kif ukoll tal-ħaddiema;

   (b) jissoġġettaw il-kwalifikazzjoni għal-leave tal-ġenituri għal perijodu ta' xogħol u /jew ta' servizz fix-xogħol li ma jistax ikun ta' aktar minn sena; l-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jiżguraw, meta jużaw din id-dispożizzjoni, li fil-każ ta' kuntratti suċċessivi għal żmien fiss, kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE dwar xogħol għal żmien fiss, mal-istess entità li tħaddem għandu jkun ikkunsidrat it-total ta' dawn il-kuntratti għall-fini tal-kalkolu tal-perijodu ta' kwalifika;

   (c) jiddefinixxu ċ-ċirkostanzi li fihom min iħaddem, wara konsultazzjoni skont il-liġi, ftehim kollettiv u/jew prattika nazzjonali, huwa permess jipposponi l-għoti tal-leave tal-ġenituri għal raġunijiet ġustifikabbli relatati mal-operat tal-organizzazzjoni. Kull problema li tinqala' mill-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għandha tkun trattata skont il-liġi, il-ftehim kollettiv u/jew il-prattika nazzjonali;

   (d) minbarra (c), jawtorizzaw arranġamenti specjali biex jissodisfaw ir-rekwiżiti operattivi u organizzattivi ta' impriżi żgħar.

2. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jiffissaw perijodi ta' avviż li għandhom jingħataw mill-ħaddiem lil min iħaddem meta jeżerċita d-dritt tal-leave tal-ġenituri, fejn jispeċifika l-bidu u t-tmiem tal-perijodu tal-leave. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jikkunsidraw l-interessi tal-ħaddiema u ta' min iħaddem fl-identifikazzjoni tat-tul ta' dawn il-perijodi ta' avviż.

3. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jivvalutaw il-bżonn ta' aġġustament tal-kondizzjonijiet għall-aċċess u l-modalitajiet tal-applikazzjoni tal-leave tal-ġenituri għall-bżonnijiet tal-ġenituri ta' tfal b'diżabbiltà jew mard fit-tul.

Klawsola 4: Adozzjoni

1. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jivvalutaw il-bżonn għal miżuri addizjonali biex jittrattaw il-bżonnijiet speċifiċi ta' ġenituri li jadottaw.

Klawsola 5: Drittijiet tal-impjieg u non-diskriminazzjoni

1. Fl-aħħar tal-leave tal-ġenituri, il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt jirritornaw għall-istess impjieg jew, jekk dan mhuwiex possibbli, għal impjieg ekwivalenti jew simili konsistenti mal-kuntratt tal-impjieg jew mar-relazzjoni tax-xogħol tagħhom.

2. Id-drittijiet miksuba jew fil-proċess li jkunu miksuba mill-ħaddiem fid-data li fiha jibda l-leave tal-ġenituri għandhom jinżammu kif inhuma sa meta jintemm il-leave tal-ġenituri. Fit-tmiem tal-leave tal-ġenituri, dawn id-drittijiet, inkluż kull tibdil ikkawżat mil-liġi, minn ftehim kollettiv u/jew mill-prattika nazzjonali, għandhom japplikaw.

3. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jiddefinixxu l-istatus tal-kuntratt tal-impjieg jew tar-relazzjoni tax-xogħol għall-perijodu tal-leave tal-ġenituri.

4. Biex jiżguraw li l-ħaddiema jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-leave tal-ġenituri, l-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iħarsu lill-ħaddiem kontra trattament anqas favorevoli jew tkeċċija abbażi ta' applikazzjoni għal, jew teħid ta', leave tal-ġenituri skont il-liġi, ftehim kollettiv u/jew il-prattiki nazzjonali.

5. Il-kwistjonijiet kollha relatati mas-sigurtà soċjali li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-ftehim għandhom jiġu kkunsidrati u ddeterminati mill-Istati Membri u/jew mill-imsieħba soċjali skont il-liġi u/jew ftehim kollettiv nazzjonali, b'konsiderazzjoni għall-importanza tal-kontinwità tal-intitolamenti għall-kopertura tas-sigurtà soċjali taħt l-iskemi differenti, b'mod partikolari dak tas-saħħa.

   Kull kwistjoni dwar id-dħul fir-rigward ta' dan il-ftehim għandha tiġi kkunsidrata u ddeterminata mill-Istati Membri u/jew mill-imsieħba soċjali skont il-liġi, ftehim kollettiv u/jew prattika nazzjonali, b'konsiderazzjoni għar-rwol tad-dħul – fost fatturi oħrajn – fit-teħid ta' leave tal-ġenituri.

Klawsola 6: Ritorn lejn ix-xogħol

1. Biex issir aktar promozzjoni għal rikonċiljazzjoni aħjar, l-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ħaddiema, meta jirritornaw mil-leave tal-ġenituri, ikunu jistgħu jitolbu tibdil fil-ħinijiet u/jew fl-arranġamenti tax-xogħol tagħhom għal perijodu stipulat ta' żmien. Min iħaddem għandu jikkunsidra u jirrispondi għal dawn it-talbiet, b'konsiderazzjoni kemm għall-bżonnijiet ta' min iħaddem kif ukoll tal-ħaddiem.

   Il-modalitajiet ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu ddeterminati skont il-liġi, ftehim kollettiv u/jew prattika nazzjonali.

2. Sabiex ikun iffaċilitat ir-ritorn lejn ix-xogħol wara l-leave tal-ġenituri, il-ħaddiema u min iħaddem huma inkoraġġuti li jżommu kuntatt matul il-perijodu ta' leave u jagħmlu arranġamenti għal miżuri xierqa ta' integrazzjoni mill-ġdid, li għandhom ikunu deċiżi bejn il-partijiet ikkonċernati, b'konsiderazzjoni għal-liġi, ftehim kollettiv u/jew prattiki nazzjonali.

Klawsola 7: Ħin frank mix-xogħol abbażi ta' forza maġġuri

1. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jintitolaw lill-ħaddiema għal ħin frank mix-xogħol, skont il-liġi, ftehim kollettiv u/jew prattika nazzjonali, abbażi ta' forza maġġuri għal raġunijiet urġenti tal-familja f'każ ta' mard jew inċident li jirrendi l-preżenza immedjata tal-ħaddiem indispensabbli.

2. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali jistgħu jispeċifikaw il-kondizzjonijiet tal-aċċess u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-klawsola 7.1 u jillimitaw dan id-dritt għal ċertu ammont ta' żmien fis-sena u/jew skont il-każ.

Klawsola 8: Dispożizzjonijiet finali

1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw jew jintroduċu dispożizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk stabbiliti f'dan il-ftehim.

2. L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim m'għandhiex tikkostitwixxi raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' ħarsien mogħti lill-ħaddiema fil-qasam kopert minn dan il-ftehim. Dan m'għandux jippreġudika d-dritt tal-Istati Membri u/jew tal-imsieħba soċjali li jiżviluppaw dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew kuntrattwali differenti, fid-dawl ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi (inkluża l-introduzzjoni tan-nuqqas ta' trasferibbiltà), sakemm ir-rekwiżiti minimi previsti f'dan il-ftehim ikunu mharsa.

3. Dan il-ftehim m'għandux jippreġudika d-dritt tal-imsieħba soċjali li jikkonkludu, fil-livell xieraq inkluż il-livell Ewropew, strumenti ta' ftehim li jaddattaw u/jew jikkumplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim sabiex ikunu kkunsidrati ċirkostanzi partikolari.

4. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-liġijiet, ir-regoli u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mad-deċiżjoni tal-Kunsill f'perijodu ta' sentejn mill-adozzjoni tagħha jew għandhom jiżguraw li l-imsieħba soċjali jintroduċu l-miżuri meħtieġa permezz ta' ftehim sa tmiem dan il-perijodu. L-Istati Membri jista' jkollhom, jekk dan ikun meħtieġ biex jittieħed kont ta' diffikultajiet partikolari jew tal-implimentazzjoni permezz ta' ftehim kollettiv, massimu ta' sena addizzjonali biex jikkonformaw ma' din id-deċiżjoni.

5. Il-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' tilwim u lmenti li joħorġu mill-applikazzjoni ta' dan il-ftehim għandhom ikunu kkunsidrati skont il-liġi, ftehim kollettiv u/jew prattiki nazzjonali.

6. Mingħajr preġudizzju għar-rwol rispettiv tal-Kummissjoni, tal-qrati nazzjonali u tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, kull kwistjoni relatata mal-interpretazzjoni ta' dan il-ftehim fuq livell Ewropew għandha, fl-ewwel lok, tiġi riferuta mill-Kummissjoni lill-partijiet firmatarji biex jagħtu opinjoni.

7. Il-partijiet firmatarji għandhom jirrevedu l-applikazzjoni ta' dan il-ftehim ħames snin wara d-data tad-deċiżjoni tal-Kunsill jekk mitlub minn wieħed mill-partijiet ta'dan il-ftehim.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ġunju 2009.

Għall-ETUC
John Monks
Is-Segretarju Ġenerali
F'isem id-delegazzjoni tat-trejdjunjins

Għal BUSINESSEUROPE
Philippe de Buck
Id-Direttur Ġenerali

Għall-UEAPME
Andrea Benassi
Is-Segretarju Ġenerali

Għas-CEEP
Ralf Resch
Is-Segretarju Ġenerali

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Marzu 2010

li temenda d-Deċiżjoni 2005/176/KE li twaqqaf l-għamla kkodifikata u l-kodiċi għan-notifika ta' mard tal-annimali skont id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 1585)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/160/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE tal-21 ta' Diċembru 1982 dwar in-notifika ta' mard tal-annimali fil-Komunità ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 82/894/KEE tikkonċerna n-notifiki ta' tifqigħat ta' mard tal-annimali elenkati fl-Anness I tagħha.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/176/KE ([2]) tistipula l-forma kkodifikata u l-kodiċi għan-notifika ta' mard tal-annimali skont id-Direttiva 82/894/KEE. L-Annessi X/09 u X/11 ta' dik id-Deċiżjoni jelenkaw il-kodiċi għar-reġjuni veterinarji fid-Danimarka u fi Spanja, rispettivament.

(3) Id-Danimarka u Spanja għamlu modifiki fl-ismijiet u l-konfini tar-reġjuni veterinarji tagħhom. L-aġġustament ta' dawn ir-reġjuni jaffettwa s-Sistema ta' Notifika tal-Mard tal-Annimali. Ir-reġjuni l-ġodda għandhom għalhekk jissostitwixxu dawk li bħalissa huma elenkati f'dik is-sistema. Huwa għalhekk xieraq li l-Annessi X/09 u X/11 tad-Deċiżjoni 2005/176/KE jiġu emendati skont dan.

(4) Id-Deċiżjoni 2005/176/KE għandha għaldaqstant tiġi emendata skont dan.

(5) Biex titħares il-kunfidenzjalità tat-tagħrif trażmess, l-Annessi ma' din id-Deċiżjoni ma għandhomx jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2005/176/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Anness X/09 jinbidel bit-test li hemm fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

(2) L-Anness X/11 jinbidel bit-test li hemm fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 378, 31.12.1982, p. 58.
([2]) ĠU L 59, 5.3.2005, p. 40.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Marzu 2010

dwar is-sorveljanza ta' sustanzi perfluworalkilati fl-ikel

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/161/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Is-sustanzi perfluworalkilati (PFAS) huma użati fuq medda wiesgħa ta' applikazzjonijiet industrijali u għall-konsumatur li jinkludu l-kisi reżistenti għat-tbajja' fuq id-drappijiet u fuq it-twapet; il-kisi reżistenti għaż-żejt fuq prodotti tal-karta approvata għall-kuntatt mal-ikel; l-ixkumi għat-tifi tan-nar; is-surfattivanti għax-xogħol fil-minjieri u fil-bjar taż-żejt; lostri tal-art u formulazzjonijiet tal-insettiċidi. Is-surfattivanti organiċi (per)flworinati huma sottokategorija importanti, li fiha jidħlu s-sulfonat tal-perfluworooktan (PFOS) u l-aċidu tal-perfluworooktan (PFOA).

(2) Minħabba dan l-użu kollu, l-PFOS, l-PFOA, l-imlieħi u l-prekursuri tagħhom instabu fl-ambjent, fil-ħut, fl-għasafar u fil-mammiferi. Għalhekk l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA) talbet lill-Bord Xjentifiku dwar il-Kontaminanti fil-katina Alimentari tagħha biex iħejji opinjoni dwar l-importanza tal-ikel u l-kontribut relattiv tal-oġġetti tal-ikel differenti u tal-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel fl-esponiment tal-bniedem għall-PFOS u l-imlieħi tiegħu, u talbet lill-Bord biex jagħti l-parir tiegħu dwar passi oħra marbutin mal-valutazzjoni tar-riskju tal-komposti organiċi perfluworinati.

(3) Il-Bord Xjentifiku dwar il-Kontaminanti fil-katina Alimentari adotta opinjoni xjentifika dwar il-PFOS, il-PFOA u l-imlieħi tagħhom fil-21 ta' Frar 2008 ([1]).

(4) F'din l-opinjoni xjentifika l-EFSA qalet li ma taħsibx li hu probabbli li qed ikun hemm effetti negattivi fil-popolazzjoni ġenerali minħabba l-PFOS u l-PFOA, iżda nnotat inċertezzi fir-rigward ta' effetti fuq l-iżvilupp ta' organiżmi ħajjin. L-EFSA rrikkmandat li jkun xieraq li tingħabar iżjed dejta dwar il-livelli ta' PFAS fl-ikel u fil-bnedmin, partikolarment għas-sorveljanza tax-xejriet tal-esponiment għalihom.

(5) Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar is-sostanzi organiċi persistenti li jniġġsu (POPs) tirrekjedi li l-partijiet kontraenti biex jieħdu ħsieb is-sorveljanza tal-POPs, l-alternattivi tagħhom u POPs kandidati, u inkludiet il-PFOS u l-imlieħa tiegħu u l-fluworidu sulfonil perfluworottan (PFOSF) fl-Anness B tal-Konvenzjoni fost is-sostanzi li huma suġġetti għar-restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni u l-użu tagħhom.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Tul l-2010 u l-2011 l-Istati Membri għandhom jissorveljaw il-preżenza ta' sustanzi perfluworalkilati fl-ikel. Is-sorveljanza għandha tkun fuq varjetà kbira ta' oġġetti tal-ikel li jirreflettu d-drawwiet tal-konsum u għandha tinkludi l-ikel ta' oriġini mill-annimali bħall-ħut, il-laħam, il-bajd, il-ħalib u prodotti mnisslin minnhom u l-ikel ta' oriġini mill-pjanti biex tkun possibbli valutazzjoni preċiża tal-esponiment.

2. L-Istati Membri għandhom isegwu l-proċeduri kif stipulat fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1883/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jistipola metodi ta' ksib tal-kampuni u l-analiżi għal-livelli uffiċjali ta' kontroll tad-dijossini u l-PCBs li jixbħu lid-dijossini f'ċerti oġġetti tal-ikel ([2]) biex ikun żgurat li l-kampjuni jkunu rappreżentanti tal-lott li minnhom ittieħdu l-kampjuni.

3. Huwa rrikkmandat li l-Istati Membri jwettqu l-analiżi tas-sustanzi perfluworalkilati biex josservaw il-preżenza ta' komposti PFOS u PFOA u, jekk hu possibbli, il-prekursuri tagħhom bħall-sulfonamidu tal-perfluworooktan (PFOSA), l-N-ethyl perfluworooktan sulfonamidoethanol (NEtFOSE) u l-alkoħol fluworotelomer 8:2. Jekk possibbli, l-Istati Membri għandhom jinkludu komposti simili għall-PFOS u l-PFOA iżda b'tul differenti ta' ktajjen (C4 – C15) u surfattivanti tal-fosfat polifluworoalkil (PAPS) bħall-diPAPS 8:2 u mono-PAPS 8:2 biex tiġi stmata r-relevanza tal-preżenza tagħhom fl-ikel.

([1]) L-Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar il-Kontaminanti fil-katina tal-Ikel dwar is-sulfonat tal-Perfluworooktan (SOPF), l-aċidu tal-perfluworooktan (APFO) u l-imlieħa tagħhom, The EFSA Journal (2008) 653, pp. 1-131.

([2]) ĠU L 364, 20.12.2006, p. 32.

4. L-Istati Membri għandhom iwettqu l-analiżi tas-sustanzi perfluworalkilati skont l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-benesseri tal-annimali ([1]) billi jużaw metodu ta' analiżi li wera li jrendi riżultati affidabbli. Idealment, ir-rati tal-irkupru għandhom ikunu fil-medda ta' bejn is-70 u l-120 %, b'limiti ta' kwantitazzjoni ta' 1 µg/kg.

5. Huwa rrikkmandat li l-Istati Membri jipprovdu lill-EFSA regolarment bid-dejta tas-sorveljanza espressa f'termini ta' piżijiet sħaħ mal-informazzjoni u fil-furmat għar-rappurtaġġ elettroniku kif stipulat mill-EFSA għall-kumpilazzjoni f'database waħda. Għandhom jipprovdu wkoll id-dejta disponibbli tas-snin ta' qabel li nkisbu permezz ta' metodu tal-analiżi li wera li jrendi riżultati affidabbli biex jiġu ssorveljati x-xejriet tal-esponiment.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT